# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/12, it-Tnejn 20 ta' April 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 12 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn 20 ta' April 2020 fil-5 u nofs ta' filgħaxija. Minħabba il-miżuri ta' saħħa pubblika intenzjonati sabiex jitwaqqaf it-tixrib tal-virus COVID-19 li kienu in vigore matul dawn iż-żminijiet fil-pajiż kollu, din il-laqgħa saret b' mod elettroniku permezz tas-sistema Microsoft© Teams fejn il-parteċipanti baqgħu f' darhom sabiex iħarsu il-miżuri meħtieġa.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Hadd

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Wistin Vella | Viċi Sindku |

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:38pm.

ii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*12.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*12.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*12.4 Korrispondenza*

*12.5 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*12.7 Awditjar u Aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji tas-sena 2019;*

*12.8 Is-sitwazzjoni fil-Ġnejna matul is-sajf li ġej;*

*12.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

**12.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

12.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva l-ebda nota ta' apoloġija għal din il-laqgħa, iżda li kien hemm xi problemi tekniċi li minħabba fihom il-Viċi Sindku Wistin Vella ma kienx qiegħed jirnexxillu jikkollega fuq is-sit tal-laqgħa.

**12.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

12.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

12.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew ippreparati biex ikunu iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku informa li kienet waqgħet biċċa mill-bankina fejn jarmaw il-gabbani fil-Ġnejna u li din kienet ta' periklu. Għalhekk sar rapport mill-ewwel mad-dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi biex jintervjeni u jneħħi il-periklu kemm jista' jkun malajr.

12.3.2 Is-Sindku informa wkoll li bdew ix-xogħlijiet sabiex jiġi installat id-dawl kkulurit mal-faċċata.

## 12.4 Korrispondenza

12.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

12.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq informazzjoni mibgħutha mill-AKL dwar YouSafeMgarr. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan il-grupp fuq facebook kien qed jinżamm b' informazzjoni regolari minnu stess kif ukoll mil-membri tal-istaff.

12.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta li is-sistema tal-permessi tkun tista' tilqa' pagamenti online permezz tal-istallazzjoni ta' payment gateway u account imsejjaħ e-commerce. B' hekk is-sistema tkun tista' ssir kompletament mingħajr interazzjoni fiżika. Il-Kunsill qabel u approva li dan isir b' mod unanimu.

## 12.5 Temi oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

12.5.1 Is-Segretarju Eżekttiv ressaq 4 proġetti li kien hemm il-ħsieb li jsiru fil-futur qarib. Dan wara diskussjonijiet li s-Sindku u s-Segretarju Eżekutiv kellhom mal-perit tal-Kunsill. Dawn il-proġetti huma :

i. Irranġar tal-fluss tal-ilma tax-xita fit-tarf t' isfel ta' Triq San Pietru, biswit it-tempji ta' Ta' Ħaġrat sabiex l-ilma ma jitħalliex jinġema fit-triq u jaqbeż lejn it-tempji imma jingħata direzzjoni lejn l-għelieqi ta' tarf it-triq;

ii. Tkabbir tal-maħżen tal-Kunsill fi' Triq l-Alwiża ħdejn il-ground tal-football, biex ikun hemm aċċess aħjar u tkabbir tal-maħżen biex parti minnu tkun tista' tintuża wkoll min-nursery tal-football. Dan il-proġett jinkludi wkoll it-tkabbir tal-bandli ta' Triq l-Alwiża.

iii. Użu pubbliku mill-ispazju ta' fuq il-garaxxijiet ta' Triq l-Amarozz biex jiġu installati strutturi pre-fabbrikati fuq dan il-post biex ikun jista' jintużi għall-diversi servizzi, fosthom bħala sala għal-laqħat pubbliċi, klassi, librerija pubblika u post ta' rikreazzjoni u żvog;

iv. Taraġ li jgħaqqad il-livelli differenti tat-toroq bejn Triq il-Karamelli u Triq il-Plejju li jista' jservi wkoll ta' spazju pubbliku fil-miftuħ;

v. Proġett biex id-dawra tal-fetħa tal-Housing Estate bejn Triq iż-Żebbiegħ u Triq il-Banjijiet Rumani tiġi rranġata billi tingħata 'upgrade', bi' Triq il-Ganfra li tiġi pedonali u jsir pont fejn wieħed jista' jimxi fuqu biex ikun jista' jara aħjar il-'curt-ruts' preistoriċi li hemm f' dan is-sit.

Il-Kunsill iddiskuta dawn il-pjanti tal-proġett u qabel unanimament fil-prinċipju li dawn huma kollha bżonnjużi u għandhom isiru. Għalhekk, il-perit tal-Kunsill ser jintalab sabiex jipprovdi stima ta' kull wieħed minn dawn il-proġetti u japplika għall-aktar wieħed urġenti li hu dak ta' Triq San Pietru peress li hu wkoll l-aktar proġett faċli u l-inqas li għandu jiġi jiswa'.

**12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

12.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iSkeda tal-Pagament numru 4/2020 li kienet tammonta għal €83,164.73.

12.6.2 Din l-iskeda ġie approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet ippreparata biex tiġi ffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**12.7 Awditjar u Aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji tas-sena 2019**

12.7 Is-Segretarju Eżekkutiv informa li kien sar l-awditjar tal-finanzi tal-Kunsill għas-sena 2019 mill-kumpanija Grant Thortnon. Minħabba li din is-sena l-awditjar kellu jsir b' mod elettroniku minħabba il-miżuri tal-COVID-19, dam għaddej aktar mis-snin preċedenti u għalhekk l-aġġustamenti kienu għadhom ma sarux. Għalhekk, dawn l-aġġustamenti ser jiġu ppreżentati lill-Kunsill malli jkun lesti biex jiġu approvati u mibgħuta fil-ħin stipulat.

**12.8 Is-sitwazzjoni fil-Ġnejna matul is-sajf li ġej**

12.8.1 Il-Kunsill iddiskuta is-sitwazzjoni tal-Ġnejna issa li kien qed jerġa joqrob is-sajf. Ġie diskuss il-fatt li kien hemm min avviċina il-Kunsill sabiex ikollu gabbana oħra hemmhekk. Il-Kunsill qabel unanimament li il-post ma jiflaħx gabbana oħra ma' dawn li diġa' hemm u għalhekk ġie deċiż li ma jilqgħax talbiet ta' din in-natura.

12.8.2 il-Kunsill qqbel ukoll li fid-dawl tal-miżuri tas-saħħa pubblika dwar it-trażżin tal-imxija tal-COVID-19, il-Kunsill ma joħroġx permessi ta' l-ebda tip ta' attivita' organizzata fil-Ġnejna (kif ukoll fil-bajja l-oħra ta' Għajn Tuffieħa) għal matul is-sajf, sakemm l-awtoritajiet kompetenti li jippubblikaw li dan jista' jsir u li l-miżuri ġew imneħħija.

12.8.3 Is-Sindku semma' li kien ser jerġgħu isiru il-linji tal-parkeġġi fil-Ġnejna. Qal ukoll li kien hemm talba mill-Enforcement Section ta' Transport Malta biex jinżammu żewġ postijiet ta' parkeġġi riservati għalihom biex ikunu jistgħu jipparkjaw il-vetturi tagħhom matul il-qadi ta' dmirijiethom. Il-Kunsill approva dan b' mod unanimu.

12.8.4 Il-Kunsillier Clayton Gauci semma' li ftit tal-ġranet qabel kellu laqgħa informali mal-Ministru tat-Turiżmu, l-On. Julia Farrugia Portelli dwar kif is-sitwazzjoni tal-Ġnejna tista' titjieb u jekk il-Ministeru tat-Turiżmu jistax jgħin biex dan il-post jinżamm aħjar. Il-Kunsill laqa' b' apprezzament dan l-interess tal-Ministru.

**12.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa**

12.9.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal nhar it-Tnejn, 18 ta' Mejju 2020, fil-5:30pm. Jekk is-sitwazzjoni tal-miżuri tas-saħħa pubblika jibqgħu fis-seħħ, din il-laqgħa terġa ssir b' mod elettroniku.

12.9.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7:12pm.

**Paul Vella**
Sindku

**Cyprian Dalli**
Segretarju Eżekuttiv